Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru. 468/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Joseph Said bin l'Anthony u Carmen nee Grech li joqghod 8, Xlendi Road, Munxar.**
**Karta ta' Identita' Numru 15240 (G)**
**u**
**Carmela Said mart Joseph bint l' Anton Formosa u Antonia nee Saliba li toqghod 8, Xlendi Road, Munxar.**
**Karta ta' Identita' Numru 16147 (G)**
**u**
**George Said bin l'Anthony u Carmela nee Grech li joqghod 14, Triq is-7 ta' Gunju 1919, Victoria.**
**Karta ta' Identita' Numru 31643 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fil-21 ta' Lulju 2002 wara is-2.00a.m. Carmela Said li f'isimha ghandha l-permess ta' La Grotta Discothequ, u George Said u Joseph Said li ghandhom il-permess sabiex taghmluha ta' 'substitute' fl-istess stabbiliment li jinsab fi Triq ix-Xlendi, Munxar u anke bhala l-persuni li f'idejhom ghandhom it-tmexxija ta' l-istess stabbiliment, (1) talli bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes ta' muzika b'volum gholi jew b'xi mod iehor, (2) talli fl-istess okkazjoni kisru l-kundizzjoni tal-licenzja mposta fuqhom fl-operat tal-licenzja ta' l-istess post, (3) talli fl-istess okkazjoni ma obdewx l-ordijiet legittimi tal-Pulizija, (4) talli huma recidivi fil-kommissjoni tar-reati msemmija.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mill-ligi tapplika ukoll l-Artiklu 383 u 384 tal-Kap 9.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibhom hatja;

Rat l-artikoli 338(m), 321 tal-Kap 10 u 338 (dd);

Tikkundannahom ghall-hlas ta' ammenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------